IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Marzu 2009

li taħtar 12-il membru tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/304/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi l-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika, u li tħassar id-Deċizjoni tal-Kunsill 91/116/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(a) tagħha,

Wara li kkonsultat mal-Kunsill,

Wara li kkonsultat mal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika huwa magħmul minn 24 membru.

(2) Skont l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE, 12-il membru għandhom ikunu maħtura mill-Kummissjoni, wara li din tikkonsulta mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill.

(3) L-Istati Membri pprovdew lill-Kummissjoni b'lista ta' kandidati li għandhom kwalifiki stabbiliti sew fil-qasam tal-istatistika.

(4) Meta taħtar lil dawk it-12-il membru, il-Kummissjoni għandha tiżgura li huma jirrappreżentaw b'mod ugwali lill-utenti, lil min iwieġeb u lill-partijiet l-oħra interessati fl-istatistika Komunitarja (fosthom il-komunità xjentifika, il-partijiet soċjali u s-soċjetà ċivili).

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-persuni msemmijin fl-Anness huma b'dan maħtura membri tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika għal żmien ta' ħames snin.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, 30 ta' Marzu 2009.

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 73, 15.3.2008, p. 13.

ANNESS

Karl Andrea FEMRELL

Ladislav KABÁT

Lea KAUPPI

Irena E. KOTOWSKA

Denise Anne LIEVESLEY

Hristina MITREVA

Luca PAOLAZZI

Robert ROCHEFORT

Julio RODRÍGUEZ LÓPEZ

Ineke STOOP

Hartmut TOFAUTE

Brendan WALSH